**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imhallef Edwina Grima**

**Seduta ta' nhar-it-Tnejn 09 ta' April 2018**

**Att ta' Akkuża**

**Nru. 01/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Gordon Schembri**

**Il-Qorti:**

1.Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-akkuzat Gordon Schembri, detentur tal-karta ta' l-identita Maltija 0207386(M) akkuzat talli fl-erbgħa (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), u matul ix-xhur ta' qabel:

(1) ipproduċa, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga li ma gietx fornita lilhu ghall-uzu tiegħu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

(2) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta'l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghal-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga li ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2. Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Jannar 2017 fejn l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkuzat gew michuda.

3. Rat ir-rikors ta' l-appell imressaq mill-akkuzat fis-16 ta' Jannar 2017 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza

ta' l-Ewwel Qorti u minflok tilqa' l-eccezzjonijet preliminari sollevati mill-akkuzat u tordna l-korrezzjonijiet opportuni fl-Att ta' l-Akkuza u tghaddi sabiex taghti d-direttivi opportuni ai temini ta' l-artikolu 499(6) tal-Kodici Kriminali.

4. Rat il-verbal tas-seduta tat-08 ta' Marzu 2018 fejn il-partijiet permezz ta' l-avukati taghhom strahu fuq l-atti bil-miktub sottomessi minnhom u tallbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq tali sottomissjonijiet.

5. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**,

6. Illi l-appellant isib oggezzjoni ghad-decizjoni moghtija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza moghtija minnha fit-12 ta' Jannar 2017 fejn gew michuda l-eccezzjonijiet preliminari minnu imqanqla diretti biex ixejjnu l-Att ta' l-Akkuzaipprezentat mill-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta.

7. Illi l-aggravvji migjuba 'il quddiem mill-appellant quddiem din il-Qorti huma fil-fatt ripetizzjoni tal-eccezzjonijiet minnu imqanqla quddiem l-Ewwel Qorti minghajr ma jindika xi mottiv wiehed, oltre dak dikjarat minnu fl-imsemmija eccezzjonijiet, li abbazi tieghu huwa qed isib xi oggezzjoni ghal dak deciz mill-Ewwel Qorti. Maghdud dan, madanakollu, din il-Qorti ser terga tezamina l-aggravvji imqanqla mill-appellanti serjatim fid-dawl ta' dak deciz fis-sentenza impunjata.

**8. L-ewwel aggravvju – nullita` ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza stante illi l-fatti kif elenkati mill-Avukat Generali fil-parti espozittiva ta' dan il-kap ma jinkwadrawx rwiehhom l-elementi tar-reat addebitat lill-akkuzat fil-parti akkuzatorja.**

9. Illi l-Ewwel Qorti iddecidiet hekk dwar dan il-punt sollevat mid-difiza:

> "***Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-akkuzat ma jistax jezonera ruhu mill-fatt li hu ghadda d-droga lil haddiehor u allura ma jirrizultax it-traffikar. Il-***

***fatt li hu kkonsenja d-droga lil Decelis tista' taghti lok li l-akkuzat ried li Decelis kien qed jagixxi ta' depozitarju sakemm hu jkun jista' jiddistribwixxi d-droga lill-terzi. Din hi sitwazzjoni li hu kompitu tal-imhallfin tal-fatt li jiddecidu fl-eventwali guri. Hawnhekk, qed issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet: "Il-Pulizija v. Eric Zammit" deciza fit-12 ta' Marzu, 2015 (per Magistrat Dr. Miriam Hayman). Minbarra dan, kif hemm deskritt fil-parti narrattiva il-passagg ta' pakkett minn id l-akkuzat ghal ghand Decelis giet notata minn membri tal-korp tal-pulizija. Dan il-fatt, hu kompletament differenti minn sitwazzjoni li kieku Decelis biss kien qed jirrakonta l-akkadut. Hawnhekk, il-passagg minn id ghal ohra hu dokumentat minn terzi persuni. Ghalhekk, din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha."***

10. Issa l-modalita` dwar kif ghandha tigi imfassla l-Att ta' l-Akkuza mill-Avukat Generali huwa imfisser mill-legislatur fl-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali bis-sub-inciz (c) allura jispecifika illi ghandu jigi imfisser "**il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena.**"

11. Illi ghalkemm l-artikolu 449(5)(b) tal-Kodici Kriminali jitkellem fuq in-nullita` ta' l-att ta' l-akkuza, fl-istess disposizzjoni hemm indikazzjoni dwar fejn tista' tirrizulta tali nullita` u cioe' meta ikun hemm inkonsistenza bejn il-fatti esposti fil-parti narrattiva u r-reat li imbaghad johrog mill-parti akkuzatorja ta' l-Att ta' l-Akkuza fejn allura din in-nullita` giet mahsuba biss fic-cirkostanza fejn il-fatti migjuba fl-att ta' l-akkuza ma jkunux jikkostitwixxu **fis-sustanza** r-reat migjub jew deskritt fl-imsemmi att. (sottolinjar tal-Qorti)

12. Issa l-appellant qed jikkontendi illi l-fatti kif esposti mill-Avukat Generali fil-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuza ma jipprospettawx l-elementi legali mehtiega sabiex jissussisti r-reat tat-traffikar tad-droga. Dan ghaliex jishaq illi anke jekk *gratia argomenti* ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni certu Jerken Decelis kellu jigi emmnut, bil-fatt illi l-akkuzat gie osservat ighaddi id-droga lil dan Decelis f'okkazzjoni wahda, b'Decelis jikkontendi illi l-appellant ghaddielu id-droga f'erba okkazzjonijiet ohra precedenti, dan ma jammontax ghar-reat addebitat lilu fl-ewwel kap billi x-xhud jishaq illi l-ftehim bejniethom kien semplicement biex dan ta' l-ahhar izommlu din id-droga fil-kustodja tieghu. Dan ifisser allura li la kien hemm il-provvista tad-droga u lanqas l-offerta biex dan isehh biex b'hekk l-att materjali fih innifsu ma jinkwadrax ruhu fid-definizzjoni li jaghti l-legislatur tat-traffikar fl-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. L-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha sahhqet illi il-kwistjoni dwar jekk il-fatti probatorji li ser jkunu ipprezentati quddiem il-gurati mill-Prosekuzzjoni iwasslux ghar-reat addebitat lill-akkuzat hija decizjoni li ghandha tigi rimessa biss f'idejn il-gurati u ma hijiex kwistjoni ta' dritt li ghandha tigi deciza mill-Qorti. Issa l-ilment ta' l-appellant mhuwiex daqstant dwar il-fatti li l-Prosekuzzjoni ser tressaq quddiem il-gurati, izda dwar dawk il-fatti kif esposti fl-Att ta' l-Akkuza.

14. B'danakollu, huwa minnu li l-konsenja tad-droga lil Decelis huwa fatt li fl-ewwel lok, kif tajjeb ikkonludiet l-Ewwel Qorti, ghandu jigi rimess ghal gudizzju tal-imhallfin tal-fatt u fit-tieni lok, ma ibbiddilx fis-sustanza r-reat tat-traffikar bil-konsenja ta' droga minn id ghall-ohra taqa' fid-definizzjoni ta' "traffikar", kif mahsub fl-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, iktar u iktar meta kif dejjem jigi imfisser lill-gurati l-esposizzjoni tal-fatti ma tikkostitwixxi l-

ebda prova fil-guri kif lanqas dawn il-fatti hekk esposti ma huma sufficjenti sabiex il-gurati jasslu ghal xi verdett ta' htija.

> **"Ghalhekk, meta fl-artikolu 589 tal-istess Kodici jinghad li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat u l-partikolaritajiet l-ohra msemmija fl-istess artikolu dan ma jistax ifisser hlief li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt u partikolaritajiet l-ohra msemmija skont kif jifhimhom li graw l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Il-provi in sostenn tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat u tal-partikolaritajiet l-ohra skont l-att tal-akkuza, imbaghad, jingiebu mill-Avukat Generali fil-kors tal-process fl-istadju opportun[1].**

Ghalhekk dan l-ewwel aggravvju qed jigi michud.

**<u>15. It-tieni aggravvju – in-nullita` tat-Tieni Kap ta'l-Att ta'l-Akkuza u dana stante illi l-fatti kif elenkati mill-Avukat Generali fil-parti espozittiva ta dan il-kap ma jinkwadrawx rwiehom fl-elementi tar-reat addebitat lill-appellanti fil-parti akkuzatorja.</u>**

16. Illi dan l-aggravvju fis-sustanza huwa identiku ghall-ewwel gravam, bl-appellant jilmenta f'dan l-aggravvju illi l-element tal-pussess fiziku tad-droga u cioe' tar-raza tal-*cannabis* ma jirrizultax la fl-ewwel episodju tal-04 ta' Lulju 2012 fejn l-appellanti gie osservat ighaddi borza lil Jerken Decelis li wara irrizulta li kienet tikkontjeni id-droga u wisq anqas fiz-zmien precedenti din id-data meta Decelis jikkontendi illi l-appellant kien ghaddielu erba blokok ohra ta' *cannabis*. Dawn il-fatti fil-fehma tieghu ma jinkwadrawx rwiehom fir-reat tal-pussess tad-droga f'cirkostanzi li jindikaw li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv ta' l-appellant, izda semmai dan ir-reat jista' jirrizulta minn dawn il-fatti kif esposti fil-konfront ta' Decelis u hadd iktar. Fl-aghar ipotezi, jikkontendi l-appellant f'dan l-aggravvju, b'kontradizzjoni ma' dak sottomess minnu fl-ewwel

---

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Stiano Agius et – 09/01/2014 App.Sup.

aggravvju, jista' johrog biss ir-reat tat-traffikar fil-konfront ta' l-appellant u xejn izjed.

17. Illi l-Ewwel Qorti iddecidiet hekk fuq din l-eccezzjoni:

> ***"Din il-Qorti hi tal-fehma li dawn il-kazijiet jipprezentaw certa diffikulta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata (vide sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet: "Il-Pulizija v. Marius Magri" deciza fit-12 ta' Mejju, 2005). Izda s-soluzzjoni ghandha tinsab mill-imhallfin tal-fatt li jiddecidu fl-eventwali guri. Zgur li kif gew elenkati l-fatti fil-parti narrativa ma jgibu ebda nullita'."***

18. Illi din il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni terga' tiribaddixxi illi gjaldarba l-fatti kif esposti iwasslu fis-sustanza ghar-reat addebitat lill-persuna akkuzata u mhux ghal xi reat iehor li huwa ghal kollox estranju ma' dawk l-fatti, allura n-nullita` ma tkunx tirrizulta. Illi l-fatt jekk l-appellant kienx f'xi mument fil-pussess fiziku ta' xi droga ghandu jigi imholli fil-gudizzju tal-imhallfin tal-fatt u dan wara li jigu debitament iggwidati mill-Imhallef togat dwar id-dritt li ifassal l-elementi ta' dak ir-reat. Certament ma huwiex il-kompitu la ta' din il-Qorti u lanqas ta'l-Ewwel Qorti qabilha li tasal biex tistabilixxi jekk dak il-fatt huwiex ippruvat u jekk allura jistax l-appellanti jigi misjub hati ta' l-istess. Ghalhekk ghandu jigi rimess f'idejn il-gurati il-gudizzju, gjaladarba stabbilit dak il-pussess f'idejn l-akkuzat, jekk dak il-pussess kienx ghall-uzu esklussiv tieghu o meno.

> "**Il-gurisprudenza f'dan ir-rigward hija ormaj kopjuza u din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod tahli zmien ticcita d-diversi pronunzjamenti taghha in materja. Ikun hemm nullita` jew difett kif ravvizat fl-Artikolu 449(5)(b) meta l-fatti kif deskritti ma jkunux jammontaw fis-sustanza ghar-reat li bih l-akkuzat ikun qed jigi akkuzat.**

**Bil-kelma "reat" wiehed ghandu necessarjament jifhem ir-reat bl-aggravji kollha li jkunu qed jigu dedotti skond il-ligi.[2]"**

19. Fuq kollox:

**"Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma taghmilx apprezzament tal-provi kollha migjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirrizultax sodisfacentement jew le; din hija haga merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeciedi dwar il-provi.[3]"**

20. Dan ghaliex:

**"l-artikolu 435 (1) tal-Kodici Kriminali dejjem inghata l-interpretazzjoni illi ghall-fini ta' l-istess ikun sufficjenti jekk ir-reat li jkun jifforma s-sostanza ta' l-att ta' l-akkuza jkun jirrizulta imqar mir-rapport guramentat tal-prosekutur quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Il-kumplament, cjoe' dwar jekk ikunx jirrizulta ukoll mill-provi u dokumenti li jkunu ngabbru fil-kumpilazzjoni, dejjem gie ritenut li dik hija materja li eventwalment trid tigi riservata ghal min ghandu jiggudika fuq il-fatti, fil-kaz tal-Qorti Kriminali, il-gurati[4]."**

Ghal dawn il-motivi dan l-aggravvju ukoll qed jigi michud.

**<u>21. It-tielet aggravvju – L-isfilz tax-xhieda ta' Harold Decelis</u>**

22. L-appellant joggezzjona ghal produzzjoni tax-xhieda ta' Harold Decelis, xhud indikat mill-Avukat Generali u li xehed fl-istadju tal-kumpilazzjoni, billi jishaq illi din hija irrilevanti u ukoll ghaliex imsejsa fuq prattika illegali u intiza biss biex titfa lill-appellant f'dawl ikrah quddiem il-gurati.

23. L-Ewwel Qorti stqarret hekk fir-rigward ta' din l-eccezzjoni:

---

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici – App. Sup 22/04/2004

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat – deciza App.Sup.13/05/1998

[4] Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Zammit et – deciza App.Sup. 31/07/1998

> ***“Illi f'dan il-kaz, kien Harold Decelis wara li tkellem ma ibnu Jerken li beda jfittex lill-akkuzat u wara li sabu mar u tkellem mal-pulizija. Dan decizament mhux kaz ta' entrapment u hawn qed issir referenza ghall-kaz deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2002 fl-ismijiet: "Il-Pulizija v. Ronald Psaila" fejn dan il-kuncett gie spjegat b'mod car u esawrienti. Ghalhekk, ix-xhieda ta' Harold Decelis hi wahda ammissibbli.”***

24. Issa hija prassi adottata mill-gurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni espressa tal-ligi li tipprekludi l-ammissjoni ta’ dik il-prova. Jidher illi f’dan il-kaz l-appellant qieghed joggezzjona ghal produzzjoni tax-xhieda ta’ Harold Decelis, missier Jerken Decelis, billi jqies illi l-operazzjoni maghmula minn Decelis b’kollaborazzjoni mal-pulizija tammonta ghall hekk imsejjah “*entrapment*”, prassi meqjusa bhala wahda illegali. Jikkontendi ukoll illi dan l-episodju sehh wara id-data indikata fl-Att ta’ l-Akkuza u cioe’ wara l-04 ta’ Lulju 2012 u allura hija inammissibbli.

25. Issa ibda biex l-ebda akkuza addebitata lill-appellant ma hija imsejsa fuq ix-xhieda ta’ Harold Decelis. Jigifieri, dan l-allegat ‘abbokkament’ ma wassalx ghall-akkuza ta’ traffikar li dwarha jinsab mixli l-appellant. Kien dan ix-xhud u cioe’ Harold Decelis li minn jeddu avvicina lill-appellant meta inzerta iltaqa’ mieghu fit-triq wara li kien sehh l-arrest ta’ ibnu Jerken ghas-sodisfazzjon, u dan billi ibnu kien qerr mieghu li kien l-appellant li ghaddhielu d-droga. Hawnhekk, jikkontendi dan ix-xhud, l-appellant offrielu d-droga minn jeddu u minghajr ma kien imdahhal f’xi nassa. Decelis imbaghad mar ghand il-pulizija b’din l-informazzjoni. Wara dan kien sar ftehim mal-pulizija sabiex Decelis jiltaqa’ mal-appellant taht is-sorveljanza tal-pulizija, izda dan l-appuntament sfaxxa fix-xejn.

26. Dan allura necessarjament iwassal ghal konkluzjoni illi l-appellant ma giex ‘intrappolat’ ghaliex l-event kriminuz li imbaghad wassal ghal dawn il-proceduri penali kien diga sehh u l-appellant ma giex mixli bir-reat tat-traffikar ghal dan l-episodju fejn allegatament Harold Decelis assista lill-pulizija, billi l-pulizija ma kellhomx bzonn l-assistenza tieghu biex jixlu lill-appellant. Konsegwentement l-appellant ma ghandux ragun la fl-eccezzjoni minnu intentata u wisq anqas fl-aggravvju imqanqal quddiem din il-Qorti.

27. Fil-ktieb “Criminal Pleading, Evidence and Practice”, Archbold jirritieni li Agent provokatur huwa persuna : “*who entices another to commit an express breach of the law which he would not otherwise have committed and then proceeds to inform against him in respect of such an offence.*[5]”

28. F’dan il-kaz certament il-persuna ta’ Harold Decelis ma tiffigurax fil-parametri hawn fuq indikati. Issa jekk x-xhieda tieghu hijiex rilevanti o meno ghal dan il-kaz, billi l-intervent tieghu sehh wara id-data indikata fl-akkuza, hija kwistjoni ta’ fatt li ghandha tigi rimessa fil-gudizzju tal-imhallfin tal-fatt wara id-debita direzzjoni mill-imhallef li jippresjedi il-guri. Illi l-ligi tippostula distinzjoni bejn il-valur probatorju ta’ evidenza u inammissibilita’ taghha biex b’hekk prova tista’ tkun ammissibbi izda tirrizulta madanakollu minghajr ebda valur probatorju, billi per ezempju ma tkunx awtentikata, kwistjoni allura li tista’ titqanqal biss matul il-kors tal-gbir tal-provi u mhux qabel. Ghal dawn il-motivi ghalhekk anke dan l-aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment.

[5] Sweet & Maxwell 2001 a fol. 1532.

**<u>29. Ir-raba aggravvju – L-isfilz tax-xhieda u ir-relazzjonijiet ta’ Dr. John Seychell Navarro.</u>**

30. L-appellant finalment jitlob illi x-xhieda tal-agent Registratur tal-Qorti Dr. John Seychell Navarro u r-relazzjoni tieghu tigi meqjusa bhala inammissibbli billi dik il-prova tikkostitiwixxi *hearsay evidence* u fl-aghar ipotesi ghandha titqies semplicement bhala strument amministrattiv li tista’ tintuza biss f’kaz ta’ sejbien ta’ htija u ma tikkostitwixxi l-ebda prova fil-mertu.

31. L-Ewwel Qorti iddeciediet hekk fuq dina l-eccezzjoni:

> ***“Din hi l-persuna li nvestigat, rat u gabret f'relazzjoni l-assi tal-akkuzat skont il-ligi. Dan ix-xhud hu ammissibbli u ix-xoghol li hu wettaq ikun rilevanti biss f'kaz li l-akkuzat jinstab hati.”***

32. Illi l-manzjonijiet rimessi f’idejn dan ix-xhud jaqghu fil-parametri ta’ l-artikolu 22AB tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana in segwitu ghall-ordni maghmula mill-Qorti sabiex tigi issekwestrata l-proprjeta mobbli u immobbli tal-persuna akkuzata b’reati kontra l-Ordinanza.

> **“Meta l-qorti tagħmel xi ordni kif imsemmi fl-artikolu 22A, għandha tordna lir-Reġistratur biex jagħmel inkjesti sabiex jintraċċa u jaċċerta fejn jistgħu jkunu xi flus jew proprjetarjiet oħra, dovuti lil jew li jappartjenu għal jew taħt il-kontroll tal-imputat jew l-akkużat, skont kif ikun il-każ.”**

33. Kwindi ix-xhieda ta’ Dr. John Seychell Navarro u l-ikkumpilar tal-assi tal-persuna akkuzata maghmula minnu fir-rapport redatt u ipprezentat fl-atti ma jista’ qatt jikkostitwixxi *hearsay evidence* kif ipprospettat mill-appellanti. Illi l-Qorti tistqarr illi dan l-aggravvju huwa ghal kollox frivolu u minghajr bazi legali u kwindi ma tarax illi ghandha ghalfejn tinoltra ruhha aktar fuq din il-lanjanza.

Għaldaqstant għal motivi hawn fuq migjuba l-appell qed jiġi miċħud bis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ikkonfermata fl-intier tagħha.

**Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri**

**Onor Imħallef Dr Joseph Zammit McKeon**

**Onor Imħallef Dr Edwina Grima**